**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 6, 9(1), 28 tal-Kap. 33 u**
**Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**
**Artikolu 45 (1) tal-L.N. 499.35,**
**LS 65.22 u Artikolu 4 (1) (a) (b) (c) ta' LS 24.01**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:826/2008***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**MARK VELLA**
**(ID330165M)**

**CARMEL SPITERI**
**(ID1050044M)**

**CARMEL CIAPPARA**
**(ID342269M)**

**Illum 24 ta' Novembru, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARK VELLA** detentur tal-karta tal-identita' numru 330165(M)

u

**CARMEL SPITERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 1050044(M)

u

**CARMEL CIAPPARA** detentur tal-karta tal-identita' numru 342269(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

**Lil Mark Vella wahdu:**

Fil-1 ta' Settembru 2008, u fix-xhur ta' qabel f'Malta, zamm fid-dar tieghu jew f'post iehor, jew ikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli ta' sparar u aktar talli;

Fl-istess cirkostanzi, minghajr ma kellu l-awtorita' legali jew skuza ragonevoli, jew minghajr il-permess bil-miktub tal-ufficjal tas-sigurta' tal-bastiment, xjentement tella', jew ittanta jtella', abbord il-bastiment jew fiz-zona tas-sigurta' portwali, xi sustanza jew taghmir esploziv, incendjarju, bijologiku jew kimiku, jew xi sustanza jew taghmir iehor ta' kull xorta li jista' jaghmel hsara, u li jista' jintuza biex jipperikola is-sigurta' tal-bastiment, jew tal-persuni abbord il-bastiment, jew fiz-zona tas-sigurta' portwali, jew tal-persuni fiz-zona tas-sigurta' portwali, u aktar talli;

Xjentement ghamel falsifikazzjoni, fatt awtentiku u pubbliku, jew fl-iskrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew tibdil fi

skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien mill-obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied, jew biddel klawsoli, jew dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom, jew kellhom jippruvaw, u aktar talli;

Fl-istess cirkostanzi, kiseb vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, b'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u aktar talli;

Fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu, minn xi dokument iehor falsifikat.

**<u>Lil Carmel Spiteri u Carmel Ciappara wahedhom:</u>**

Fl-1 ta' Settembru 2008, u fix-xhur ta' qabel f'Malta, offrew ghall-bejgh, jew ikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli ta' sparar jew xi wahda mis-sustanzi msemmija fl-Artikolu 6 tal-Kap. 33; u aktar talli

Fl-istess cirkostanzi, garrew esploziv jew materjal perikoluz meta ma kinux awtorizzati u jew licenzjati mill-awtorita' dwar it-trasport; u aktar talli

Fl-istess cirkostanzi, garrew esploziv jew materjal perikoluz b'vettura li ma kinitx licenzjata u jew awtorizzata; u aktar talli

Fl-istess cirkostanzi, minghajr permess relattiv, ittantaw jew esportaw oggetti li l-esportazzjoni taghhom hi projbita jew ristretta minghajr il-permess mill-awtoritajiet koncernati.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom tliet (3) Fedini Penali tal-imputati mmarkati bhala Dok. SZ1, SZ2 u SZ3 a fol. 5 et seqitur u tlett (3) estratti mill-att tat-twelid tal-imputati mmarkati bhala Dok. SZ4, SZ5 u SZ6 a fol. 8 et sequitur tal-Process.

Rat il-kunsens tal Avukat Generali esebit fl-atti a fol. 34 datat 9 ta' Settembru 2009 immarkat bhala Dok ECM1sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u rat in-nuqqas ta' ogezzjoni tal-imputati kif registrata waqt l-ezami li sar ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-3 ta Settembru 2008 (fol. 11 et seq.)

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar it-22 ta' Settembru, 2008 xehdet l-**Ispettur Edel Mary Camilleri** u esebiet il-kunsens tal-Avukat Generali li gie markat bhala Dok. ECM 1. Esebiet wkoll CD li gie markat bhala Dok. ECM 2, rapport konsistenti f'zewg pagni markat bhala Dok. ECM 3 li huwa iffirmat minn Darren Carmel. Finalment esebiet ukoll *cargo manifest* li gie mmarkat bhala Dok ECM 4.

Spjegat li hija bdiet tinvestiga dan il-kaz fl-1 ta' Settembru, tal-2008 meta ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar irceviet telefonata minghand sors kunfidenzjali illi accenna illi kien hemm suspett li jew f'dik il-gurnata jew fil-granet sussegwenti kien se jkun hemm allegat trasportazzjoni ta' xoghol tan-nar mahdum u lest biex jitlaq lejn Katanja. Hija staqsiet lill-persuna li kienet qed tinfurmaha b'dan ir-rapport jekk kellhiex informazzjoni ezatta dwar dan il-kaz u peress li kien hemm kwistjoni ta' sigurta' involuta staqsiet lil din l-istess persuna jekk setghetx tinforma lil ta' fuqha direttament biex b'hekk jitqabbdu n-nies l-iktar imharrga fejn jidhol xoghol ta' dan it-tip, anke peress li kien hemm kwistjoni ta' sigurta' u minhabba li kien hemm vapur illi allegatament kien se jitlaq minn Malta b'dawn l-oggetti tan-nar kien hemm kwistjoni li x'aktarx kellu jitwaqqaf il-vapur una volta jigi identifikat.

Tiftakar li din l-istess persuna nformat lis-Superjuri taghha u anke ghamlet xi verifiki. Lil din il-persuna irrizultalha li x-xoghol kien jikkonsisti f'nar suspettat mahdum li kien lest proprju li jitlaq minn Malta dakinhar stess u cioe' fl-1 ta' Settembru, 2008. Min-naha taghha x-xhud giet infurmata mill-ufficcju tas-Superjuri taghha illi l-

allegat nar mahdum kien ser jitlaq minn Malta minn Lab Wharf mal-Euro Cargo Istanbul li kien ha jitlaq dakinhar stess wara nofsinhar. Is-Superjur taghha ngagga wkoll lill-pulizija tad-distrett ta' Paola peress li Lab Wharf jaqa' taht dak id-distrett u qabbad lilha u lill-Ispettur Camilleri mill-Immigration flimkien mal-Ispettur Spiridione Zammit biex imorru fuq il-post u jaraw x' jirrizulta hemmhekk.

X'hin marru fuq il-post, u cioe' bejn il-hamsa neqsin kwart u l-hamsa ta' wara nofsinhar sabu lil tal-Maritime Authority, lill-Ispettur Stephen Baldacchino u John Demanuele fejn qalulhom li huma telghu fuq dan il-Euro Cargo. Hadu *immediate action* malli nfurmawhom li kien hemm allegat suspett illi fuq *trailer* TR950 li kien diga' abbord il-Euro Cargo Istanbul kien hemm indikazzjoni li qed jingarr nar jew splussiv, materjal pirotekniku li seta' kien qieghed mahzun go dan it-trailer.

Fil-fatt tal-Maritime Authority cioe' dawn iz-zewg persuni Stephen Baldacchino u John Demanuele raw li l-*container* seta' kien fih dan is-suspettat allegat esplossiv. Qalet li dawn m'humiex esperti pero' x'hin raw suspett ta' dan it-tip ghamlu kuntatt mal-*master* certu Spinelli Nimo, ta' nazzjonalita' Taljana u immedjatament x' hin infurmawh bis-suspetti taghhom it-*trailer* tnizzel minn fuq il-vapur.

Hija u l-Ispettur kienu qeghdin hemm x'hin dan it-*trailer* tnizzel minn fuq il-vapur u hija kellmet lil Stephen Baldacchino u John Demanuele u staqsiethom x'kien gara qabel ma huma marru fuq il-post. Insistiet

li minhabba kwistjoni ta' sigurta' it-trailer tnizzel immedjatament. Tghid li x'hin waslu huma fuq il-post kien diga'hemm tal-Bomb Disposal Unit li minhabba ragunijiet ta' sigurta' ma hallewx nies jidhlu madwar iz-zona tat-*trailer. P*rima facie kien jidher illi kien hemm il-*pellets* u mahzun go dawn il-*pellets* fuq in-naha ta' wara tat-*trailer* jista' jaghti l-kaz li kien hemm l-allegat nar mahdum.

Hawnhekk hi u l-Ispettur Spiridione Zammit raw li kien hemm lok ta' Inkjesta. Infurmaw lill-allura Magistrat Edwina Grima mmedjatament. Infurmawha b'dan in-nar pirotekniku li kien hemm mahzun go dan it-*trailer* kif ukoll li kellhom kwistjoni ohra minhabba l-fatt illi l-vapur Euro Cargo Istanbul kien ser jitlaq minn Malta. Peress li kien ghadhom fi stadju preliminari hafna tal-investigazzjoni l-Magistrat rat li kien ikun ahjar li dan il-Cargo ma jitlaqx u fil-fatt l-Magistrat hatret diversi esperti fosthom lil tas-SOCO, lill-Perit Richard Aquilina, lil Dr. Richard Sladden kif ukoll lil Jeffrey Curmi assistit minn tal-Bomb Disposal Unit, certu PS Borg, l-Eks Bombardier Grech u iehor Strips.

Dr. Richard Sladden mar malajr biex ikellem lil Master tal-Cargo. Dan kien kellem ukoll lil certu Manuel Portelli ta' Sullivan Shipping minn fejn irrizulta *prima facie*, illi kienu saru l-arrangamenti mas-shipper qua agent Sullivan sabiex dan it-*trailer* ikun jista' jigi jigi xxipjat. Fid-dokument li gie mghoddi lilha minn Sullivan Shipping u appuntu minn Manuel Portelli kien jidher il-manifest tat-*trailer* immarkat bhala TR950 u dan kien jipprovdi li t-trailer kien ser jinstaq minn certu Marco Vella li kien ghamel l-arrangamenti mehtiega sabiex ikun jista' jixxipja dan il-*cargo*.

Kien hemm dikjarat ma' Sullivan Shipping, u dan kif dejjem kif stqarr Manuel Portelli l-agent ta' Sullivan, illi t-*trailer* kellu jkollu *empty pallets,* u allura kellu jkun vojt. Dan id-dokument gharfitu esebi fl-atti u mmarkat bhala ECM 4.

Manuel Portelli kien qalilhom ukoll illi kien inhareg *cheque* ghat-trasport ta' dan it-*trailer* u cioe' TR950 u dan ic-*cheque* ngabar mill-Ispettur Spiridione Zammit. Nel frattemp l-oggetti kollha gew mizmuma, dejjem b'ordni tal-Magistrat Inkwirenti. L-oggetti mizmuma ttiehdu mill-Bomb Disposal Unit ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl, wara li gew fotografati kif ukoll wara li l-Perit Richard Aquilina kien ghamel rendikont taghhom. Immedjatament il-merkanzija ittiehdet gewwa 19th March Fireworks Factory taht is-sorveljanza ta' Joseph Theuma illi kien tqabbad sabiex izomm il-materjal esplussiv mahdum fil-post tieghu, u cioe' fil-*fireworks factory* appena imsemmija.

Qalet ukoll li Darren Crammer l-operations Security tal-Kumpanija VGT kellu ukoll *video footage* ta' meta dahal it-*trailer* gewwa l-imsemmi LAB Wharf u dan ghamel rapport dettaljat tal-fatti maghrufa minnu , li gie markat bhala dok ECM 3 u pprezentat l-*video footage* li gie market bhala dok ECM 2.

Illi nhar it-22 ta' Settembru, 2008 xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit.** Huwa kkonferma li kien qed jaghraf lil Mark Vella fl-Awla u li dan kien irrilaxxja stqarrija wara li nghata s-solita twissija, liema stqarrija hija mmarkata bhala Dok. SZP 1. Fuqha gharaf il-firem tieghu, tal-Ispettur Edel Mary Camilleri u ta' Mark Vella stess. Esebixxa ukoll l-istqarrija ta' Carmelo Spiteri, li wkoll gharfu prezenti fl-Awla. Din hija datata 2 ta' Settembru 2008 mehuda fit-8:15 wara li dan ukoll inghata s-solita twissija. Dan id-dokument gie market bhala Dok SZP 2 u hija ffirmata mill-istess Carmelo Spiteri. Esebixxa stqarrija ohra ta' Carmelo Spiteri, ukoll *statement* iehor datata 2 ta' Settembru 2008 u din giet immarkata bhala Dok. SZP 3. Din id-darba Carmelo Spiteri ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Esebixxa stqarrija ohra datata 2 ta' Settembru 2008, dik tas-Sur Carmelo Ciappara li gharaf fl-Awla, fejn dan ghazel li l-istqarrija jiffirmaha wkoll wara li nghatatlu s-solita twissija . Din giet markata bhala Dok. SZP 4.

Huwa spjega li fl-1 ta' Settembru 2008 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija gie nfurmat mis-Superjuri tieghi li f' Laboratory Wharf kien hemm trailer TR950 li kien destinat ghal Catania fejn kien mahsub, jew ahjar kien suspettat li kien fih xi xoghol tan-nar biex jigi esportat. Huwa flimkien mal-Ispettur Edel Mary Camilleri mill-Immigration nizlu fuq il-post fejn it-*trailer* gie spezzjonat minn Lance Bombardier J. Grech, mis-Surgent M. Borg kif ukoll minn Lance Bombardier Stephen Said. Fl-imsemmi *trailer* instab xi xoghol tan-nar bhal irdieden, nar tal-art, wara xi *pallets*. Il-Kaptan tal-vapur Euro Cargo Istanbul kien certu Spinelli Nimo. Huwa nforma lill-allura Magistrat Dr. Edwina Grima fejn dina hatret divesi esperti fl-Inkjesta fejn fost l-

esperti gew mahtura Dr. Richard Sladden, is-Sur Jeffrey Curmi kif ukoll il-perit Richard Aquilina. Il-Kaptan gie mitkellem minn Dr. Sladden fejn imbaghad wara istruzzjonijiet mill-Magistrat il-vapur thalla jsalpa minn Malta. Minn investigazzjonijiet preliminari kien jidher li l-vapur kien destinat lejn Sqallija. Ix-xoghol abbord ma kienx gie dikjarat.

Mill-investigazzjonijiet preliminari li nzammu kien jirrizulta li certu Mark Vella kien iddikjara ma' Sullivan Maritime Agents li kellu t-*trailer* vojt, kien ghamel dikjarazzjoni f'dan is-sens u cioe' li kien vojt. Dan kien ta bhala indirizz 73 Mehriez Street, Attard b'*telephone number* 21494341 u *mobile* number 99264733 u hallas ghat-trasbord permezz ta' *cheque,* BOV *cheque* bin- number 89222084001693926 datat l-1 ta' Settembru 2008. L-Agenti Charles Mamo u Emanuel Portelli ta' Sullivan Shipping, it-tnejn gew mitkellma u kkonfermaw li kien Mark Vella li hallas ghal dan it-trasbord permezz ta' *cheque*.

Dr. Sladden bhala Espert tal-Qorti nizel fuq il-post fejn kellem ukoll lil Customs Officers, Inspector C. J. Farrugia u Officer Anthony Bonello, lil Maritime Authority Officers Stephen Baldacchino u John Demanuele, kif ukoll lill-Gateway Security Darren Cramner u Carlos Flores. Huwa flimkien mal-kollega tieghu l-Ispettur Edel Camilleri taw struzzjonijiet biex jigbru u jarrestaw lil Mark Vella pero' rrizulta li kemm l-indirizz u kemm it-*telephone number* moghtija fuq id-dokumenti kienu inezistenti.

Fit-2 ta' Settembru 2008 Mark Vella gie mitkellem minnu kif ukoll mill-Ispettur Camilleri fejn dan ammetta li kien jaf rigward ix-xoghol tan-nar, jigifieri li kien jaf li kellu xoghol tan-nar fit-trailer u li ma ddikjarahx mas-shipping Agent Sullivan kif ukoll ddikjara li kien bi hsiebu jesportah lejn Sqallija. Ma semmiex l-identita' tal-persuni nvoluti pero' minn aktar investigazzjonijiet iddikjara ukoll li kellu jiltaqa' ma' certu wiehed Alfredo fi Sqallija.

Kien semma wkoll li kien halla t-*trailer* fil-Laboratory Wharf u kien bi hsiebu jhalli Malta l-ghada. Waqt aktar investigazzjonijiet, gew investigati wkoll Carmel Spiteri u Carmel Ciappara fejn is-Sur Camilleri qal li bhala *licensee* ta' St. Andrews Fireworks Limited ta' Hal-Saflieni kien gie infurmat li kien hemm xi ftehim, fejn kien hemm persuni li kienu bi hsiebhom jesportaw nar lejn Sqallija u skond stima li kien ghamel Dr. Noel Camilleri hareg li n-nar kellu valur ta' circa tlett elef Lira Maltin (LM 3,000).

L-istima kienet gholja u s-Sur Carmelo Spiteri kien gie avvicinat minn Mark Vella fejn dan kien qallu li bi tmien mitt lira Maltin ( LM800) kien lest li jesportalu kollox. L-Ispettur Zammit esebixxa *cheque payable* lil Sullivan Maritime Limited datat l-1 ta' Settembru 2008 fis-somma ta' €469.20 mahrug minn Mark Vella esebit u mmarkat fl-atti bhala dok . SZP 5.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2008 xehed **Robert Bugeja** u spjega li huwa ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati kien qieghed jesebixxi

P*roces verbal* redatt mill-allura Magistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima dwar sejba ta' splussiv mahdum lest ghall-esportazzjoni llegalment lejn Catania u mahzun go *container* bin-numru TR950 fl-1 ta' Settembru, 2008 misjub ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar f'Laboratory Wharf Fgura biex jitlaq mal-Cargo MV Euro Cargo Istanbul. Flimkien ma' dan il-Proces Verbal esebixxa nota tal-Avukat Generali kif ukoll nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li lkoll qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala Dok. RB1.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2008 xehed is-**Surgent AFM 85636 Dario Borg** u spjega li nhar l-1 ta' Settembru 2008 kienu rcevew telefonata mill-Control Room taghhom gewwa Hal-Luqa fejn gew infurmati li kien hemm xi materjal suspettat bhala splussiv gewwa *container*. Huma marru fuq il-post gewwa Laboratory Wharf u hemmhekk talbu biex jinfetah il-

*container*. Dahlu gewwa l-*container* u hemmhekk sabu materjal tal-loghob tan-nar tal-art li komunement jissejjah bhala cikcifogu. Flimkien mieghu f'din l-operazzjoni kellu lil Lance Bombardier Stephen Said u l-Lance Bombardier Jason Grech. Meta marru fuq il-post sabu lill-Ispettur Edel Mary Camilleri u kien hemm ukoll persuni li jahdmu fid-Dipartiment tal-Containers.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2008 xehed **Emanuel Portelli** in rapprezentanza tal-Agenzija Marittima Sullivan. Spjega li ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar tal-1 ta' Settembru, 2008 l-ufficcju

tieghu rcieva telefonata mill-Malta Maritime Authority u qalulhom li l-vapur MV Euro Cargo Istanbul kien qieghed jigi mizmum bhala *detained* minhabba li riedu jsiru investigazzjonijiet fuq *trailer* li alleatament kien qed igorr xi *fireworks*. Fil-kapacita tieghu ta' Manager Operations mar fuq il-post u cioe' fil- Laboratory Wharf u hemmhekk gie nterrogat mill-Pulizija. Minhabba s-salvagwardja tal-vapur u tal-ekwipagg qabel ma mar fuq il-post fil-kapacita' tieghu ta' Operations Manager kien ta l-ordni illi t-*trailer* jitnizzel minn fuq il-vapur. Meta wasal fuq il-post it-*trailer* kien diga' tnizzel minn fuq il-vapur izda kien ghadu maghluq u spjega li dan infetah wara li gew l-ufficjali addetti tal-Bomb Disposal Unit. Imbaghad spjega li in segwitu' lkoll gew ordnati biex ma jersqux lejn dan it-*trailer* sakemm jigu tal-Bomb Disposal Unit.

Spjega illi fil-kaz in kwistjoni l-polza kienet tghajjat lil Marco Vella. Dana kien mar l-ufficcju taghhom, kien tahom il-*booking* u skond l-informazzjoni li tahom jidher li dan xtaq jixxipja *trailer* vojt pero' b' xi *pellets* go fih lejn Catania. Spjega illi stante li l-*pellets* huma ta' l-injam, f'kaz bhal dan jikkonsidraw it-*trailer* bhala vojt u cioe' allura mhux *trailer* bil-*cargo*. Spjega illi Mark Vella kien mar ihallas l-ufficcju taghhom dakinhar stess u cioe' fl-1 ta' Settembru, 2008 fil-hdax u nofs ta' filghodu.

Muri d-dokument Dok. SZP 5 kkonferma li dan huwa c-*cheque* li Mark Vella ghadda lill-ufficcju taghhom fid-data hemm indikata. Ix-xhud gharaf lil Mark Vella bhala wiehed mill-imputat prezenti fl-Awla. Ix-xhud qal li huwa kien gie ordnat mill-Ispettur Spiridione

Zammit biex ic-*cheque* li huwa gharaf bhala Dok. SZP 5 jghaddih lilu u fil-fatt spjega illi huwa kien mar f'dak l-ufficcju dakinhar stess u cioe' fl-1 ta' Settembru 2008 u gabar ic-*cheque* u ghaddih lill-istess Spettur. Ikkonferma illi l-*booking* kien sar dakinhar stess cioe' l-1 ta' Settembru, 2008 mill-imputat Mark Vella u l-pagament sar mill-istess Mark Vella dakinhar stess.

Muri d-Dok. ECM4 qal li dan huwa il-*loading list*. Jghid li huma obbligati li jaghtu dan id-dokument ahhari lit-*terminal* u lill-vapur. Dan id-dokument jikkontjeni nformazzjoni ta'dak li jkunu ser jghabbu fuq il-vapur dakinhar. Spjega li dana d-dokument jinhareg mill-Operations Department tal-kumpanija taghhom skont il-*bookings* li jkunu saru. Spjega li apparti l-fatt li jkun hemm l-indikazzjoni tat-*trailers* li jkunu ha jitghabbew, fuq dan id-dokument ikun hemm spjegazzjoni zghira dwar xi jkun qieghed jitghabba gewwa dawn it-*trailers*. Oltre dan ikun ukoll imnizzel fejn hi id-destinazzjoni finali ta' dak it-*trailer* li jkun ser jingarr .

Ikkonferma li dan id-dokument huwa mahrug mill-Kumpanija taghhom u kkonferma ukoll li fuq dana d-dokument hemm imnizzel it-*trailer* number TR950, liema *trailer* jirrigwarda l-kaz odjern.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2008 xehed **Charles Mamo** u spjega li huwa jahdem fid-dipartiment li jissejjah Husbandry mal-Kumpanija Sullivan Maritime. Rigwardanti dak li sehh fl-1 ta' Settembru, 2008 spjega illi dakinhar kien qieghed il-Baggage Room gewwa d-Dwana

jaghmel xoghol ta' *clearance* u m'ghanxu x'jaqsam xejn mat-*trailers*. Jaf biss li l-vapur kien gie *detained*.

Illi nhar il-11 ta' Marzu, 2009 xehed **PS644 Evan Camilleri** u spjega li in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-allura Magistrat Inkwirenti Magistrat Dr. Edwina Grima, hu kien gie mahtur f'inkjesta dwar sejba dwar splussiv mahdum lest ghall-esportazzjoni llegalment lejn Catania li kien mahzun f'*container* bin-numru TR950, misjub fl-1 ta' Settembru, 2008 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija fil-Laboratory Wharf biex jitlaq mal-Cargo MT Euro Cargo Istanbul. Hu esebixxa w halef ir-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. ECP 1. Ma' dina r-relazzjoni tieghu esebixxa 27 ritratt tal-kulur mehuda minnu.

Illi nhar it-23 ta' Gunju, 2010 xehed il-**Perit Richard Aquilina** u spjega li in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-allura Magistrat Inkwirenti Dr Edwina Grima, kien lest jipprezenta w jahlef ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala Dok. RA.

Illi nhar it-23 ta' Gunju, 2010 xehed is-**Surgent 85636 Dario Borg** u spjega illi fl-1 ta' Settembru, 2008 l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta kienu rcevew telefonata mill-Operations Room taghhom fejn gew nfurmati illi x'aktarx kien hemm xi materjal ta' loghob tan-nar gewwa *trailer*. Huma marru fil-Laboratory Wharf, Kordin fejn fethu dan it- *trailer* biex ikunu jistghu jispezzjonaw il-kontenut tieghu. F'dan it-*trailer* sabu loghob tan-nar. Muri sett ta' ritratti bil-kulur formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri esebita bhala Dok. VCP 1 u spjega illi f'dawn ir-ritratti jidher t-*trailer* li huma fethu

u ezaminaw kif ukoll jidhru l-isplussivi illi kienu splussivi ta' loghob tan-nar tal-art illi huma sabu gewwa dan it-*trailer*.

Illi nhar it-23 ta' Gunju, 2010 xehed il-**Bumbardier 86481 Stephen Said** u spjega illi fl-1 ta' Settembru, 2008 huwa flimkien ma' kollegi ohra tieghu, gew nfurmati mill-Operations Room tal-Forzi Armata ta' Malta sabiex imorru l-Laboratory Wharf gewwa Rahal Gdid stante li kien hemm suspett li kienhemm *container* li seta' seta' kellu xi splussivi ta' xi loghob tan-nar. Spjega li huma marru fil-post, fethu dan it-*trailer* u fil-fatt gewwa t-*trailer* sabu xi loghob tan-nar. Gie muri sett ritratti bil-kulur formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 644 esebita u markata bhala Dok. ECP 1 u jghid illi dawn ir-ritratti hemm murija jirrelataw ghar-ritratti tal-*container* li huma kienu spezzjonaw kif ukoll l-isplussivi konsistenti f'loghob tan-nar tal-art li huma sabu gewwa dana l-*container*.

Illi nhar it-23 ta' Gunju, 2010 xehed il-**Lance Bumbardier 86659 Jason Grech** u spjega illi fl-1 ta' Settembru, 2008 huwa u kollegi tieghu kienu gew infurmati mill-Operations Room tal-Forzi Armati ta' Malta biex jaccedu gewwa Laboratory Wharf Rahal Gdid minhabba suspett illi kien hemm xi *container* li fih kien hemm xi splussivi ta' xi loghob tan-nar. Spjega li huwa acceda fuq il-post flimkien mas-Surgent 85636 Dario Borg u Bumbardier 86481 Stephen Said. Spjega li huma fethu l-*container* u fih sabu splussivi ta' loghob tan-nar tal-art. Gie muri sett ritratti bil-kulur formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri liema relazzjoni tinsab esebita fl-atti mmarkata bhala Dok. ECP 1 u kkonferma li f'dawn ir-ritratti gharaf il-*container* li

huma fethu u spezzjonaw kif ukoll l-isplussivi konsistenti f'loghob tan-nar tal-art li huma sabu gewwa dan l-istess *container*.

Spjega illi bhala parti mid-dmirijiet taghhom huma kellhom jassiguraw li l-*area* tkun *safe* kif ukoll illi jiehdu l-isplussivi ta' loghob tan-nar f'*area* li kun safe. Ghalhekk fuq struzzjonijiet li nghatawlhom, huma elevaw l-oggetti li sabu fil-*container* konsistenti fl-isplussivi tal-loghob tan-nar tal-art u haduhom fit-trakkijiet tal-Armata stess gewwa l-kamra tan-nar 19 ta' Marzu, ir-Rabat. Spjega illi matul din il-procedura kellhom kuntatt telefoniku mal-Kaptan Attard li kien tahom l-ordnijiet.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li huwa membru tal-Forzi Armati stazzjonat EOD u li ilu fl-Armata ghaxar snin u ilu hames snin fil-kariga ta' EOD. Zied jghid li huwa ovvjament inghata t-tahrig necessarju biex jaghmel dan ix-xoghol. Fuq domanda jekk il-materjal ta' loghob tan-nar li sabu fuq il-post kif kien mahdum setax jaqbad wahdu wiegeb li huwa m'huwiex espert pero' jaf li wiehed irid iqabbad il-loghob tan-nar b'nicca biex dan ikun jista' jiehu.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 xehed **PC537 Stewart Vella** u spjega li huwa gie mitlub biex jaghmel verifiki rigwardanti Mark Vella, detentur ta' karta tal-identita' numru 330165(M), fuq Carmel Spiteri detentur ta' karta tal-identita' numru 1050044(M) u fuq Carmel Ciappara detentur ta' karta tal-identita' numru 342269(M) u partikolarment jekk dawn it-tliet (3) persuni ghandhomx il-licenzja

tan-nar. Spjega li mill-verifiki li ghamel irrizultalu li Mark Vella ma ghandu l-ebda licenzja tan-nar ghall-ebda kategorija. Carmel Spiteri ghandu l-licenzja tan-nar *License* A u Carmel Ciappara ghandu l-licenzja tan-nar *License* B. Spjega illi huwa ghamel verifiki ghall-perjodu mis-sena 2008 sa llum cioe' is-sena 2010. Spjega li allura l-licenzji li semma' li ghandhom rispettivament Carmel Spiteri u Carmel Ciappara huma l-licenzji li haduhom qabel l-2008. Esebixxa d-dokumentazzjoni relevanti ghal dak li xehed li giet immarkata bhala Dok. SVP1.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 xehed **Joseph Theuma** u spjega illi fis-sena 2008, lejn l-ahhar tas-Sajf, l-Ispettur Edel Mary Camilleri cemplitlu u talbitu jekk setax izomm fil-kmamar taghhom xi nar illi gie maqbud mill-Pulizija. Huwa accetta u x-xoghol ittella' fil-kamra taghhom, u cioe tal-kazin 19 ta' Marzu, tar-Rabat. Spjega illi wara ftit taz-zmien kien mar l-espert il-Brigadier Geoffrey Curmi biex ha xi *samples* minn dan il-loghob tan-nar. Ix-xhud zied li huwa staqsa lill-Brigadier Curmi x'kien se jaghmel bir-rimanenti loghob tan-nar u dan kien wiegbu li seta' jiddistruggih ghax hu ma kellux iktar bzonnu. U huwa dak li ghamel. Qal li dan in-nar kien dam mahzun ghandu minn hamsa (5) sa sitt (6) xhur. Spjega li dan kien ta' zgombru ghalihom. Meta gie muri ritratti bil-kulur immarkati rispettivament minn OABZD101 sa OABZD127, spjega illi dawn ir-ritratti juru x-xoghol tan-nar li finalment spicca depozitat fil-mahzen tal-kazin taghhom.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 xehed **Noel Spiteri** u ghan-nom ta' Valletta Gateway Terminals Limited (VGTL) esebixxa l-original ta'

Cargo *registration sheet entry* datata l-1 ta' Settembru, tas-sena 2008 in kwantu ghal-lokalita' Laboratory Wharf. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. NSV1. Spjega illi fil-prezent ix-xoghol tieghu f'din il-kumpanija huwa relatat mal-*planning* u l-*logistics*.

Iddikjara li fl-1 ta' Settembru, tas-sena 2008 huwa kien qieghed fid-Dipartiment tas-*Security* mal-istess kumpanija pero' dina s-*sheet entry* ma kienx ghamilha hu. Skont il-firem li hemm fuq id-dokument li esebixxa, jidher li kien hemm zewg (2) ufficjali li ghamlu din l-*entry sheet*, cioe' Joe Gauci u Leonard Brincat li t-tnejn (2) ghadhom jahdmu mal-imsemmija kumpanija.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 xehed **Stephen Baldacchino** u spjega li huwa mar jahdem bhala Inspector mat-Transport Malta li fis-sena 2008 kienet l-Awtorita' Marittima. Spjega li fl-1 ta' Settembru, 2008, huwa kien inghata struzzjonijiet mill-Kaptan Harbour Master biex imorru jinvestigaw *trailer* li kien hemm fil-Laboratory Wharf ghaliex kien hemm rapport illi dan it-*trailer* seta' kellu xi hazna ta' splussivi go fih. Spjega li huma marru fuq il-post, telghu fuq il-vapur li jidhirlu li kien l-Euro Cargo Valentia Grimaldi u gabru l-*cargo list* minghand il-Kaptan. Jghid li kien hemm indikat li t-*trailer* imsemmi kien vojt b'*empty pellets*. Hadu kopja ta' din il-lista ghall-ufficcju biex tinghata lill-Kaptan taghhom u l-kopja l-ohra ghaddewha lill-Pulizija. Spjega li huma ma spezzjonawx it-*trailer* u lanqas raw il-kontenut tieghu.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2012 xehed **Romwald Attard** u muri Dok. SZP 5 a fol. 57 spjega li dan ic-cekk huwa mahrug mill-kont ta' Mark Vella l-*Account Number* 40016963926 fl-ammont ta' erba' mija u disgha u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (€469.20) datat l-ewwel (1) ta' Settembru, 2008. Dan il-kont huwa *overdraft,* u kellu *limit* ta' sebat elef Euro (€7,000) u l-bilanc tieghu f'dik id-data f'Settembru 2008, kien ta' €6,833.04, jigifieri *available funds* meta inti toqghod tiehu *in consideration* is-sebat elef (€7,000) kull ma kien jibqa' kien mija w sitta u sittin Ewro u sitta w disghin centezmu (€166.96). Zied li allura kieku dan ic-cekk gie prezentat il-Bank, ma kienx jissarraf minhabba li kien jaqbez il-*limit*. Fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni, x-xhud qal li mill-is*tatement* mahrug mill-Bank jidher li l-indirizz ta' Mark Vella huwa 179, Main Street, Hal Qormi. Huwa esebixxa *statement* tal-kont bin-numru 40016963926 f'isem Mark Vella mill-ewwel (1) ta' Settembru, (2008) sad-disgha (9) ta' Settembru, 2008 li gie markat bhala Dok RA 1.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2012 rega' xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** u kkonferma l-istqarrija datata tnejn (2) ta' Settembru, 2008 esebita a fol. 49 tal-atti u fuqha gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik ta' l-Ispettur Edel Mary Camilleri u tal-imputat Mark Vella li ghazel li jiffirma fuq l-istqarrija li tikkonsisti fi tliet (3) faccati. Gharaf ukoll lill-imputat Mark Vella li qieghed fit-tarf tal-Awla. Huwa kkonferma ukoll li l-istqarrija nghatat b'mod volontarju wara li nghatatlu s-solita twissija li jista' ma jwegibx ghall-ebda domanda li ssirlu u li dak li jghid jista' jingieb bhala prova fil-Qorti. Muri d- dokument immarkat bhala Dok SZP2 a fol. 52 hu gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik tal-Ispettur Edel Maria Camilleri kif ukoll ta' Carmelo Spiteri, dina l-

istqarrija tikkonsisti f'zewg (2) faccati fejn is-Sur Spiteri kien ghazel li jiffirma wkoll. Hu gharaf ukoll lill-imputat Carmelo Spiteri. Huwa kkonferma li dik l-istqarrija giet rilaxxata b'mod volontarju. Zied li huwa jaghraf ukoll stqarrija ohra a fol. 54 immarkata bhala Dok. SZP3. Din l-istqarrija hija ukoll ta' Carmelo Spiteri, fejn din id-darba kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija moghtija minnu. Fuqha jaghraf il-firma tieghu kif ukoll tal-Ispettur Edel Maria Camilleri u din l-istqarrija ttiehdet b'mod volontarju wara li Spiteri nghata s-solita twissija li jista' ma jwiegeb ghall-ebda domanda pero' dak li jghid jista' jingieb bhala prova fil-konfront tieghu.

Ix-xhud gharaf ukoll stqarrija ohra a fol. 55 din id-darba ta' Carmelo Ciappara u fuqha jaghraf il-firma tas-Sur Carmelo Ciappara. Il -kontenut taghha huwa ta' zewg (2) faccati. Fuqha gharaf ukoll il-firma tal-Ispettur Edel Maria Camilleri u l-firma tieghu. Lis-Sur Ciappara gharfu fl-Awla wkoll. Din l-istqarrija ttiehedet b'mod volontarju wara li naghatat is-solita twissija lil Ciappara li ghandu dritt li jista' ma jwegibx ghall-ebda domanda li ssirlu.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru, 2014 xehed **Dr. Richard Sladden** u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti l-allura Magistrat Dr. Edwina Grima b'digriet taghha tal-ewwel (1) ta' Settembru, 2008 u dan in konnessjoni ma' inkjesta li kienet tinvolvi sejba ta' splussivi mahduma lest ghall-esportazzjoni illegali lejn Katanja. Huwa esebixxa kopja ta' din ir-relazzjoni liema kopja giet immarkata mill-Qorti bhala dokument RS. Spjega illi in esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu huwa fil-

fatt kien ghamel access, sahansitra anke sema' diversi xhieda. Dawn kollha jinsabu msemmija fl-istess relazzjoni.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru, 2014 xehed il-**Brigadier Jeffrey Curmi** u spjega li huwa jiftakar li meta kienet infethet din l-inkjesta huwa kien imsiefer pero' sussegwentement jaf li l-Magistrat, illum Imhallef, Dr. Edwina Grima kienet innominatu sabiex jezamina diversi splussivi misjuba in konnessjoni ma' din l-inkjesta. Qal li kellu l-impressjoni li effettivament kien diga' esebixxa r-relazzjoni originali tieghu, pero' illum jinsab f'pozizzjoni li jesebixxi kopja ta' l-istess awtentikata u ffirmata minnu w ma ghandu xejn x'ibiddel fil-konkluzjoni tieghu hemm imsemmija. Spjega li huwa kien mar go *store* fil-kamra tan-nar fejn kienu qeghdin jahznu x-xoghol sabiex jezamina materjal li nstab u ma thalliex go *container*.

Fir-rapport elenka l-materjal kollu li nstab, ha kampjun minn kull haga, identifika l-materjal in kwistjoni. In oltre spjega illi huwa ghamel xi ezamijiet teknici u tah in-nar. Gibdu wkoll kopja tal-filmati li jinsabu fid-DVD anness. B'hekk huwa pprova li l-materjal li nstab effettivament kien tajjeb u seta' juri wkoll l-effett tieghu una volta jiehu n-nar. Mistoqsi jekk huwa tax il-*chemical break down* tal-*composition* li effettivament instab, wiegeb li ma tahx. Spjega illi biex taghmel dan trid tiehu kampjun il-laboratorju u hemm isir *break down* tieghu. Spjega li biex tiftah il-materjal u tiehu kampjun biex isir dan l-ezami, il-periklu huwa ikbar.

Qal li huwa fil-fatt kien ha oggett minn kull haga, ha l-*middle ranges* u tawh in-nar, kif effettivament kienet issir spluzjoni. Spjega illi l-isplussiv tal-loghob tan-nar ikun dejjem maghmul minn tahlita ta' *fuel* u *oxidizer* u ghal certu kuluri jkollok *producing agent* li jipprovdu l-kulur necessarju. Zied li jistghu jikkonfermaw illi effettivament dana kien splussiv pero' ma hassx il-htiega li joqghod jidhol fil-kimika ezatta biex jghid il-*components* diversi tal-oggett. Spjega illi fir-rapport tieghu huwa elenka kull splussiv li kien hemm u l-hsara derivanti minn tali splussiv. Qal li huwa kkunsidra kemm il-kwantita', kemm il-kundizzjoni kif effettivament kien storjat, il-fatt li ma kien hemm ebda *loose powder* u ghalhekk ikun hemm inqas riskju u anke l-fatt illi l-*container* kien maghluq.

Spjega illi perezempju l-iskartocc huwa l-*container* tal-materjal u jekk inti jkollok ammont ta' skratac go kaxxa, il-kaxxa tkun il-kontenitur. Zied jispjega illi l-materjal in kwistjoni kif kien provdut u fil-kwantita' li kien hemm, ma kinux jipproducu spluzjoni kbira li kienet kapaci taghmel il-hsara strutturali, pero' zgur li setghet tikkawza hruq. Qal ukoll li meta inti tqabbad il-materjal in kwistjoni, ma tistax tghid *in explosive weight* f'kull oggett jekk inti ma tohroghiex u tizinha ghalkemm meta taharqu tinduna l-effett li ghandu ghaliex tarah quddiemek. Fir-rapport tieghu huwa elenka x'inhu u t-tifsira tal-gass u biex jista' jibda l-process ta' spluzjoni. Kompla li meta hu qed jghid spluzjoni, f'dan il-kaz ifisser illi jkun hemm hruq qawwi li huma jikklassifikawh bhala spluzjoni pero' mhux spluzjoni kif nifhmu fil-kelma ta' kuljum fis-sens ta' hoss *blast* bil-*fragments*. Il-fatt li jipproducilek hruq qawwi, normalment bil-kuluri kif pjanat, dik teknikament hija maghrufa bhala spluzjoni.

Illi nhar is-17 ta' Novembru, 2014 xehed **Dr. Noel Camilleri** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' President tal-Kazin tas-Socjeta' Filarmonika Unjoni li tinsab gewwa Hal Luqa u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena. Ikkonferma li hu jaf lill-imputati Carmel Ciappara, li jafu bhala Ninu, u Carmel Spiteri peress li huma membri tas-St. Andrew's Fire Work Factory li hija assocjata mal-kazin tieghu. Lil Mark Vella pero' ma jafux. Mistoqsi jekk Ciappara u Spiteri ghandhomx licenzja in konnessjoni ma' St. Andrew's Fire Works Factory spjega li safejn jaf huwa ghandhom *license* A.

Spjega ukoll illi Carmel Spiteri kien ilu ghal numru ta' snin bhala *licensee* tal-kamra tan-nar St. Andrew's. Jaf li ghal perjodu ta' zmien Carmel Spiteri kien responsabbli ghall-kamra tan-nar ta' St. Andrew's pero' ricentement hemm *licensee* iehor li m'ghandux x'jaqsam mal-imputati. Spjega li waqt li huwa kien president u l-imputati Spiteri u Ciappara kienu nvoluti f'St. Andrew's Fire Work Factory, problema wahda biss kien hemm. Qal li Spiteri u Ciappara t-tnejn (2) ghandhom dixxiplina kbira u ghalhekk dejjem serrah rasu li l-operat f'din il-kamra tan-nar jimxi skond ir-regolamenti tal-ligi.

Mistoqsi jekk kellhomx xi konnessjoni ma' Sullivan in konnessjoni ma' din il-kamra tan-nar, spjega illi St. Andrew's Fire Work Factory giet mistiedna sabiex tiehu sehem fi sparar ta' *fire works* go Sqallija u konsegwentement huma ghamlu l-*enquires* biex jaraw xi proceduri

kien hemm biex jesportaw din il-piroteknika. Qal li jekk m'huwiex sejjer zball kien tkellem mas-Sur Zammit ta' Sullivan Shipping, ix-Xatt, Lascaris u dan spjegalu l-proceduri, pero' mbaghad kien waqaf hemm ghaliex l-imputati kienu qalulu li ghamlu kuntatt ma' xi burdnar li kellu jiehu hsieb kollox hu.

Mistoqsi jekk kienux Ciappara u Spiteri li ghamlu kuntatt mal-burdnar jew il-burdnar li kkuntattja lilhom, wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jekk jafx dwar xi flejjes li kienu semmewlu Sullivan, qal li dawn kienu semmewlu figuri fl-eluf pero' bl-ezatt nesa. Mistoqsi jekk jafx min kien dan il-burdnar involut, qal li ma jafx. Ciappara u Spiteri qalulu biss li kien hemm burdnar li kien ha jiehu hsieb kollox hu dwar l-export *license* u l-affarijiet l-ohrajn, u hu naturalment qalilhom li basta li kollox ikun konformi mal-ligi. Zied jghid li l-problema li semma hija li l-membri ma jridux id-dixxiplina u s-serjeta' li jikkrejaw Spiteri u Ciappara f'din il-kamra tan-nar. Huwa qatt ma ddiskuta l-kwistjoni ta' permess tal-pulizija ghax huwa m'huwiex intiz ezattament fuq dan ix-xoghol, pero' meta qalilhom li basta li kollox isir skont il-ligi ried ifisser kollox.

Illi nhar it-28 ta' April, 2015 xehdet l-**Ispettur Edel Mary Camilleri** in kontro ezami u spjegat li hija ma rrizultalhiex li l-oggetti li nstabu fil-*container* f'xi zmien qatt kienu fid-dar privata ta' Mark Vella. Kull ma tista' tghid huwa li kienu fil-vettura tieghu meta sabuha fil-post imsemmi, u cioe' fil-port, u ma jirrizultalhiex li huwa qatt ikkonsenja dawn l-oggetti lil xi terza persuna. Ikkonfermat li h uwa minnu illi Vella kien involut f'din il-kwistjoni bhala burdnar sabiex igorr il-

merkanzija u l-merkanzija in kwistjoni kienet qed tigi mibghuta lejn l-Italja. Mistoqsija x'kien il-valur tal-merkanzija inkwistjoni, spjegat li ma tafx. Taf li pero' kien tqabbad xi espert fl-inkjesta dwar dan. Mistoqsija min effettivament ikkonsenja din il-merkanzija lil Vella spjegat li mill-investigazzjonijiet taghha dan ma rrizultalhiex.

Semghet lill-avukati difensuri tal-imputati u l-prosekuzzjoni jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2016 fejn wara talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fl-atti nhar l-10 ta Ottubru 2016.

Rat dak li gie verbalizat mid-Difiza u cioe' minn Dr Joseph Giglio ghan-nom tal-imputat Mark Vella u cioe' li kien qed jirregistra ammissjoni dwar it-tieni (2) akkuza u ghall-akkuzi l-ohra kollha, kif assorbiti f'din l-istess akkuza bhala mezz ghal fini.

**<u>Dwar il-piena fil-konfront ta Mark Vella.</u>**

Il-Qorti rat li skond it-tieni (2) akkuza fejn l-imputat irregistra ammissjoni, il-piena hija dik naxxenti skond l-Artikolu 45(1) tal- Ligi Sussidjarja 499.35 li tirreferi ghall-Artikolu 2 tal-Kap. 353 li jipprovdi li l-piena ghandha tkun multa li ma teccedix hdax-il elf u sitt mitt

Ewro ( €11,600) jew ghal piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jeccedix tnax(12)-il xahar, jew ghat-tnejn.

Pero' fl-Artikolu 44 tal-Kap. 352 hemm indikat li l-pieni provduti taht dan il-Kapitolu japplikaw biss salv li l-att kommess mill-imputat ma jaqax taht reat aktar serju taht il-Kodici Kriminali jew taht xi ligi ohra, f'liema kaz il-ligi l-ohra ghandha tapplika sabiex b'hekk hadd ma jigi punit darbtejn ghall-istess att.

Issa skond l-ewwel (1) akkuza li l-imputat qed jinstab hati taghha, l-piena hija dik cirkoskritta fl-Artikolu 45C tal-Kap 33 fejn hemm stipulat li salv ghal dak provdut fl-Artikolu 40B tal-istess Kap, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, ma ghandhomx japplikaw fir-rigward ta' persuna li tinstab hatja ta' reat taht din l-Ordinanza. Jinghad pero' li dan l-Artikolu dahal fis-sehh permezz ta' l-Att VII tas-sena 2008, liema Att gie promulgat fid-29 ta' Lulju 2008 u ghalhekk qabel ma l-imputa Mark Vella tressaq il-Qorti nhar l- 4 ta' Settembru 2008, u ghalhekk tali disposizzjoni tapplika fl-intier taghha. Ghalhekk skond l-Artikolu 40B tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta, d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation li jirrigwardaw is-Setgħa tal-Qorti biex tordna li l-ħati jħallas id-danni jistghu, *mutatis mutandis j*applikaw ukoll kull meta persuna tiġi misjuba ħatja ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Illi ghalhekk il-piena applikabbli ghal dan il-kaz u cioe' ghar-reat naxxenti mill-Kapitolu 33 maghruf bhala l-Ordinanza dwar l-Ispluzzivi hija dik provduta fl-Artikolu 29 (1) tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iżomm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, jaħdem,ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-artikolu 6, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien."*

Dwar it-tielet (3) reat li huwa inkorporat fit-tieni (2) akkuza ghaliex huwa mezz ghal fini, l-piena applikabbli skond il-Kodici Kriminali u appuntu l-Artikolu 188, huwa dak ta' prigunerija li ma teccedix sentejn jew multa.

Filwaqt li r-raba' (4) akkuza hija wkoll mezz ai fini ghat-tieni (2) akkuza gja ammessa mill-imputat, il-piena hija dik stabilita fl-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li min jikkommetti kwalsiasi falsifikazzjoni li mhux provduta f'artikolu fit-Titolu precedenti tal-Kodici Kriminali jehel prigunerija ta' sitt (6) xhur. Pero' f'dan il-kaz japplika l-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminal illi jinsab fit-Titolu precedenti.

Ghalhekk din il-Qorti mhix prekluza li tapplika multa f'dan il-kaz ghas-sejba ta' htija, pero' naturalment ma tistax timponi multa inqas minn dik provduta fl-Artikolu 29 (1) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' inqas mis-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000).

**Rigward il-ko-akkuzati Carmel Ciappara u Carmel Spiteri.**

Fir-rigward tal-ko-akkuzati l-ohra Carmel Ciappara u Carmel Spiteri, s-sitwazzjoni hija differenti u jinghad li fil-kaz taghom id-difiza ma rregisrat l-ebda ammissjoni.

Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-elementi tar-reat fil-konfront ta' kull akkuza u fil-konfront ta' kull akkuza b'mod individwali u indipendentement minn xulxin. Il-Qorti tfakkar ukoll lill-Prosekuzzjoni li d-Difiza m'ghandha ghalfejn tipprova xejn u hija l-Prosekuzzjoni li ghandha tipprova il-kaz taghha lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni esebiet l-istqarrijiet tal-akkuzati Ciappara u Spiteri (esebiti a fol. 49 et seq) u ghamlet referenza ghalihom waqt it-trattazzjoni skritta taghha. Jinghad *ab initio* li dak li Vella qal fl-istqarrija tieghu fil-konfont ta' Spiteri u Ciappara ma jaghmilx stat u dan in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa hu principju elementari ta' dritt ta' procedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkuzat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova ta' favur w inqas kontra ko-akkuzat iehor. Dan il-principju jitnizzel kemm mill-**Artikolu 661 tal-Kap 9** kif ukoll mill-**Artikolu 636(b)** tal-imsemmi Kodici. Infatti l-gurisprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita’ tax-xhieda tal-ko-akkuzat kemm-il darba l-kaz tieghu ma jkunx gie definittivament konkluz [ara inter alia **R v Carmelo Cutajar et altri** - deciza 18.01.1927 - Vol XXVI iv. 758; **Il-Pulizija v Toni Pisani** - deciza 11/11/1944 - Vol XXXII iv. 792, **R v Karmnu Vella - deciza** 03.12.1947 - Vol XXXIII iv. 547; **Il-Pulizija v Alfred Luck et - deciza** 25/04/1949 - Vol XXXIII iv. 870; **Il-Pulizija v Nicholas Grima - deciza** 31/05/1958 - XLII iv. 1393 u dik ricenti **Il-Pulizija v Carmelo Camilleri et** deciza nhar il-hdax ta' Lulju 1997 ilkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali].

Jinghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Saada Sammut** li:

*“Il-posizzjoni korretta hija li jghidu x’jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista’ jiswa bhala prova kontra l-ko-imputati jew ko-akkuzati ohra. Din ir-regola giet sahansitra interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anke tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati (kif inhu il-kaz illum) lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Hu biss hawn li mbaghad tiskatta r-regola procedurali kontenuta fl-artikolu 639 (3)*

*li d-deposizzjoni tal-komplici wahedha ma tkunx bizzejjed jekk ma tkunx korroborata b'cirkostanza ohra…"*

Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia.** Dik il-Qorti f'dak id-digriet, wara li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza hemm citata rriteniet li persuna li tkun akkuzata kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza meta l-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – sija jekk tkun akkuzata fi procedura separata. Illi ghalhekk l-i*statement* ta' Mark Vella qed jigi skartat.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll l-istqarrijiet tal-imptuati Ciappara u Spiteri liema stqarrijiet ittiehdu fis-sena 2008 meta ma inghatawx id-dritt li jkellmu avukat jew prokuratur legali kif dispost fl-Artikolu 355AT tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dan, id-Difiza sostniet li din il-Qorti ghandha tiskartahom fit-totalita' taghhom.

Dwar din is-sottomissjoni din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Repubblika ta'**

**Malta** (Rik. Numru 7/2010 GC). F'din is-senenza il-Qorti ipprovdiet is-segwenti:-

*"............F'dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li din il-Qorti "tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq jew tassigura it-twettiq" tad-drittijiet fundamentali specifikati fl-istess Kostituzzjoni. Kwindi jekk din il-Qorti jidhrilha li biex jitwettqu, b'mod effikaci, d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghandu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija, dan jista' jsir skond l-imsemmija provedimenti. Skond l-istess provedimenti hu l-obbligu tal-Qorti li taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jkunu intizi biex jassiguraw li d-drittijiet tar-rikorrenti jigu tutelati u mwettqa. Kwindi fil-kawza odjerna ghandu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija in kwestjoni u dan peress li l-istess stqarrija ttiehdet in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti in partikolari kif sanciti bil-provedimenti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

...

*Ghal dawn il-motivi:-*

*Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq, kif sanciti in partikolari fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, gew lezi u tordna l-isfilz tal-istqarrija tar-rikorrent mill-process kriminali kontra tieghu u dan sabiex jigi assigurat it-twettiq tad-drittijiet fondamentali kif sanciti bl-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 319.*"

Din il-Qorti pero' taghmel referenza ghal zewg sentenzi ohra li nghataw aktar recentement u cioe' dik moghtija nhar l-10 ta' Jannar, 2012 fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** u dik moghtija nhar is-16 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** moghtija mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali.

F'dawn iz-zewg sentenzi dik il-Qorti, ghalkemm diversament preseduti fil- Prim' Awla tal-Qorti Civili, it-tnejn irritenew li in principju r-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.

Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat. Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Dik il-Qorti iddecidiet li *" il-Qorti twiegeb ghar-referenza mghoddija lilha mill-Qorti Kriminali kif gej, cioe' taqta' u tiddeciedi billi*

*tiddikjara illi gie lez id-dritt tar-rikorrenti kif sancit fl-artikolu 6(3)(c) b'rabta mal-artikolu 6(1) Konvenzjoni Ewropeja kwantu ma kellux l-assistenza legali waqt l-istqarrija li ghamel lil Pulizija fil-fazi qabel gie akkuzat u ma hemm ebda lezjoni taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Konformement ma' dak hawn deciz tordna li l-proceduri kontra r-rikorrenti jitkomplew u thalli f'idejn il-Qorti Kriminali adita mill-kaz biex tevalwa din ic-cirkostanza hi u tizen il-provi mressqa quddiemha dwar l-akkuzi mressqin fil-konfront tieghu tenut in konsiderazzjoni dak li gie mqieghed bhala prova, deliberat u gie deciz f'din is-sentenza."*

Illi ghalhekk in vista tas-suespost u tad-decizjonijiet moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali li rritenew li d-dritt tal-imputat gie lez meta ma kellux assistenza legali fil-mument li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, u ghalhekk stante li gie miksur id-dritt tieghu ta' *fair trial* bit-tehid ta' l-istqarrija, din il-Qorti tilqa' s-sottomissjoni tad-Difiza sabiex din il-Qorti tiskarta l-istqarrijiet taghhom u konsegwentement ghandha wkoll tiskarta kwalsiasi haga ohra li setghu qalu lill-Ufficcjali Investigattivi li jistghu jintuzaw fil-konfront taghhom, u dan hu proprju dak li l-Qrati Kostituzzjonali sostnew, li ghandha tigi protetta x-xhieda talvolta inkriminanti li setghu qalu l-imputati fil-mument tal-interrogazzjoni.

Illi apparti dak li qalu l-imputati Ciappara u Spiteri fl-istqarrijiet taghhom, u apparti dak li qal l-imputat ko-akkuzat Vella fir-rigward taghhom, ma jirrizulta li hemm l-ebda prova ohra fil-konfront taghhom.

Hadd mix-xhieda l-ohra ma semma lill-imputati Ciappara u Spiteri u l-provi kollha li gew imressqa kollha jippuntaw ghall-imputat Vella li gja rregistra ammissjoni kif fuq registrat. Jinghad ukoll li fid-dokumentazzjoni li giet prezentata mill-Prosekuzzjoni isem l-imputati Ciappara u Spiteri ma jirrizulta mkien u kollox kien registrat f'isem Vella.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **l-Artikoli 6, 9(1) u 28 tal-Kap. 33, l-Artikolu 45 (1) tal-L.N. 499.35, l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kap. 9 u LS 65.22 u l-Artikolu 4 (1) (a) (b) (c) LS 24.01, tiddikajra li issib lill-imputat MARK VELLA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal multa ta' hmsitax-il elf Ewro (€15,000) filwaqt li tiddikajra li ma ssibx lill-imptutati CARMEL CIAPPARA u CARMEL SPITERI hatja tal-akkuzi kif addebititati fil-konfront taghhom u tilliberahom minnhom.**

**Il-Qorti qieghda taghti l-fakolta' lill-imputat Mark Vella sabiex ihallas il-mutla inflitta fi zmein tliet (3) snin millum ai termini tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.**

**Tordna wkoll il-konfiska tal-merkanzija li giet esebita fl-atti li giet mehuda minn fuq it-*trailer* u d-distruzzjoni taghha.**

*Illum, 24 ta' Novembru, 2016.* *Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.*

**Tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija ma johrog l-ebda licenzja ai fini tal-Kapitolu 33 fuq l-imputat Mark Vella ghal perijodu ta' hames (5) snin millum.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**

**Magistrat**